KUNSILL LOKALI LOCAL COUNCIL

BORMLA

*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Id-disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 24/2025

**Laqgħa Numru 24**

25 ta' Novembru, 2025

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, Tlieta, 25 ta' Novembru 2025 fl-4:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Marco Agius | - | Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | - | Viċi Sindku |
| Martin Vella | - | Kunsillier |
| Rita Gatt | - | Kunsilliera |
| Glauber Spiteri | - | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*

*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*

*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 24 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **24.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **24.01.01** | NIL |
| **24.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 24.02.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet il-minuti tas-seduta numru 23/2025 għad-disa' leġislatura permezz ta' email lis-Sindku, Viċi Sindku u lill-Kunsilliera kollha.<br><br>1. Approvazzjoni tal-Minuti<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri approva l-minuti tas-seduta numru 23/2025, u Il-kunsilliera Rita Gatt issekondat. |
| **24.03** | **Kommunikazzjoni mis-sindku** |
| 24.03.01 | Waqt is-seduta numru 23 ġiet diskussa l-possibbiltà li jinbidel il-fotografu tal-Kunsill hekk kif skada l-kuntratt tiegħu. Wara d-diskussjoni, kien hemm qbil li l-fotografu għandu jinbidel. |
| 24.03.02 | Ġemellaġġ ma' Civitavecchia kif ukoll mal-Kunsill Lokali ta' Kerċem, fejn irċevejna feedback pożittiv. Barra minn hekk, ġiet diskussa l-organizzazzjoni ta' Jum Bormla, li l-attività kienet waħda ferm sabiħa u ta' suċċess. |
| 24.03.03 | Il-Viċi Sindku, Noyah Spiteri Hammet infurmat lill-membri li l-budget għall-2026 intbagħat permezz ta' imejl biex jiġi approvat mill- |

2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta

Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222

E-mail: bormla.lc@gov.mt

| | |
|---|---|
| | kunsilliera. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif ġie pjanat. Il-kunsilliera approvaw. |
| 24.03.04 | Il-Viċi Sindku, Noyah Spiteri Hammet, infurmat lill-kunsill li sseħħet laqgħa ma' Mat-Tobba Cinizi. Hija spjegat li kul sena jkun hemm team ġdid u esprimew ix-xewqa li jagħmlu attivitajiet fil-lokalità tagħna. Il-kunsilliera qablu li japprovaw l-inizjattiva u jħeġġu l-attivitajiet fil-lokalità. |
| 24.03.04 | Talba għal approvazzjoni u permessi - Triq Erin Serracino-Inglott<br><br>Is--Sur Bonnici, sid il-proprjetà, talab l-approvazzjoni u l-permessi għall-xogħlijiet li ġejjin:<br><br>Sostituzzjoni tas-saqaf u s-sufitti (xorok u travi tal-injam mħassra).<br><br>Estensjonijiet fit-tielet sular u fil-livell tas-saqaf bi ġebla franka solida.<br><br>Rikostruzzjoni tal-opramorta bl-użu ta' materjali u metodi tradizzjonali.<br><br>Miżuri tas-sigurtà proposti:<br><br>Dawl, ħbula tas-sigurtà u kopertura protettiva madwar il-krejn.<br><br>Struttura ta' skaffolding protettiv fi Sqaq Bormla (applikazzjoni separata għall-permess).<br><br>Devjazzjoni temporanja tal-mixja tal-pedoni.<br><br>Użu ta' compact crane u pjanċi tal-injam biex tiġi protetta t-triq.<br><br>Il-kunsilliera qablu li:<br><br>Is-sit għandu jiġi evalwat mill-perit tal-kunsill, imħallas mil-kuntrattur, biex tiġi żgurata li triq ma ssirilix ħsarat. |

| | |
|---|---|
| | Japplika ukoll għal-permessi normali meħtieġa mill-kunsill qabel l-implimentazzjoni tal-proġett. Il-miżuri huma meħtieġa minħabba l-ħsarat li qed isiru fit-toroq u biex tiġi żgurata s-sigurtà tar-residenti u t-traffiku. |
| 24.03.05 | Il-Kunsill qed jikkunsidra applikazzjoni għal fondi mingħand LESA b'ammont massimu ta' €80,000 għal fanali dekorattivi. Il-kunsilliera qablu li napplikaw għal dawn il-fondi. |
| 24.03.06 | Community Support Scheme fejn hemm fondi ta' €40,000 għal infrastruttura, €20,000 għal restawr u €10,000 għal attivitajiet, u wara diskussjoni il-kunsilliera qablu li l-applikazzjoni issir fuq infrastruttura. |
| 24.03.07 | L-viċi sindku infurmat ukoll le seħħ meeting mal-Onorevoli Glenn Bedingfield fejn ġie diskuss xogħol għal bormla sabiex jamlulna xi xogħol tal-ħadid. Il-ħadid ser jinxtara mil-kunsill u jiġi maħdum min-nies tagħhom. |
| 24.03.08 | Il-Kunsill ġie infurmat mill-Viċi Sindku li sseħħet laqgħa ma' Veronica Mercieca, Cultural Manager Reġjun Port, flimkien mad-Direttur Artistiku Joseph Galea, fejn ġie spjegat li s-sena d-dieħla r-Reġjun tagħna ser ikollu sena kulturali, u ser jibdew bl-attività ta' siegħa banda madwar il-Bacir nhar l-11 ta' Jannar u jispiċċaw billi tiġi mikxufa plakka li turi li r-Reġjun Port ser ikollu sena kulturali, attività li ser tiġi segwita minn riceviment f'Villa Bighi. |
| 24.03.09 | Il-Kunsill ġie infurmat li sseħħet laqgħa ma' perita oħra biex tapplika għal devoluzzjonijiet minħabba li l-perit attwali tal-kunsill għandu ħafna xogħol u ma jistax japplika, u wara li ġie ppreżentat il-quote lil-kunsilliera, huma qablu li mexxu sabiex ma nitilfux dawn l-artijiet. |

2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta

Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222

E-mail: bormla.lc@gov.mt

| | |
|---|---|
| 24.03.10 | Is-Sindku ddiskuta li peress li Sign Bormla ma waslitx għal Jum Bormla, jahseb li għandu jiġi inawgurat nhar is-Sibt 6 ta' Diċembru, u l-kunsilliera qablu. |
| 24.03.11 | Għal laqgħa mal-pubbliku ġie diskuss qbil li ssir nhar t-tlieta 16 ta' Diċembru wara l-laqgħa tal-kunsill. |
| 24.03.12 | Is-Sindku diskuta li l-ammont ta' €40,933.38 li kellu jingħata lill-Kunsill minn WasteServ ma ngħatax fil-ħin, u talab li dan l-ammont jiġi written off sabiex ma jibqax jidher fil-kontijiet tal-Kunsill. L-kunsilliera qablu. |
| **24.04** | **Twegibiet ghall-mistoqsiiet mil- kunsilliera** |
| 24.05.01 | NIL |
| **24.05** | **Approvazzjoni ta'skedi ta' hlasijiet** |
| 24.05.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet email bl-iskeda numru 11 għad-9 leġislatura u l-petty cash ta' Ottubru 2025.<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri approva l-iskeda numru 11 għad-9 leġislatura, waqt li l-Kunsilliera Rita Gatt issekonda.<br><br>Kif ukoll, l-kunsilliera Rita Gatt approvat l-petty cash ta' Ottubru, waqt li l-kunsillier Glauber Spiteri issekonda. |
| **24.06** | **Mozzjonijiet / Rakommandazzjonijiet** |
| 24.06.01 | Is-Sindku talab li jiġi pprovdut parkeġġ għal muturi bejn Triq Wigi Rosato u Triq il-Kunċizzjoni. Il-kunsilliera qablu li jsir bi prova l-parkeġġ għall-muturi u li, jekk jintuża b'suċċess, jibqa' permanenti, filwaqt li jekk jidħlu problemi u xorta jipparkjaw fil-parkeġġi tal-karozzi, jitneħħa. Il-kunsilliera qablu li jsir bi prova. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*

*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*

*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 24.06.02 | Is-Sindku talab li fil-bidu tat-Triq ta' Matty Grima ma' Triq Santa Tereza tiġi installata tabella li turi li Domus Pio IX tinsab miftuħa għal min jixtieq iżur il-post u jara lil membri jagħmlu xogħol fil-melh u ross.<br><br>Proponent: Marco Agius<br><br>Sekondant: Martin Vella<br><br>Il-kunsilliera qablu li ssir tabella biss, importanti li jkunu miftuħa, u mhux jmorru jżuru u jkunu magħluqa. |
| 24.06.03 | Qieghed nitlob li niddiskutu biex ir- residenti fit-triq l-oratorju jkunu jistu juzaw il-parking għal 15 il- minuta.Biex jilhqu jnizzlu x- xirja.<br><br>Grazzi<br><br>Proponent: Marco Agius<br><br>Sekondant: Martin Vella<br><br>Il-kunsilliera qablu li nitkelmu mas-sid tal-guesthouse boko hotel. |
| 24.06.04 | Għeżież, għad diskussjoni sabiex fil-parking ta' Triq l-Irlandiżi issir Blue Communial Bay.<br><br>Grazzi<br><br>Proponent : Glauber Spiteri<br><br>Sekondant: Martin Vella<br><br>Il-kunsilliera qablu. |
| 24.06.05 | Qed ngħamel talba sabiex fi Pjazza Nattivita' jsiru 3 bankijiet ġodda.<br><br>Grazzi<br>Proponent: Glauber Spiteri |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*

*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*

*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | Sekondant:<br><br>Din il-mozzjoni waqgħet peress li kien hemm bankijiet u residenti talbu biex jitneħħew. |
| 24.06.06 | Sindku talab biex fi Triq il-Pellegrinagg, ħdejn St. George's FC, tiġi pprovduta zona ta' loading/unloading mis-siegħa tal-għodu sa 12:00pm, u din il-mozzjoni ser terġa' tiġi diskussa permezz ta' email sabiex jiġu kkonsultati l-proprjetarji u jiġi fissat eżatt il-ħin tal-deliveries sabiex ma jkunx mit-Tnejn sal-Ġimgħa.<br><br>Proponiment: Marco Agius<br><br>Sekondant:<br><br>Din il-mozzjoni ser terga tigi diskussa biex jkun hemm konsultazzjoni mal propretarji. |
| 24.06.07 | Hekk kif diskutejna fl-aħħar seduta, is-Sindku talab li tigi diskussa jekk għandniex nħarrġu board indipendenti għal Jum Bormla, u wara diskussjoni, il-kunsilliera qablu li jiġu magħżulin xi persuni Bormliżi u li jiġu riveduti r-regolamenti proposti qabel li nerġgħu nidħlu fid-diskussjoni. |
| 24.06.08 | Rita Gatt talbet li jittieħdu inizjattivi biex isiru lezzjonijiet dwar kif wieħed jista' jitgħallem u kif ukoll biex jiġu offruti għajnuna b'mod prattiku f'ħiliet bħal ġanc, labar, u simili, u l-kunsilliera qablu u se jiġu evalwati l-livelli ta' interess mill-komunità.<br><br>Proponiment: Rita Gatt<br><br>Sekondant: Martin vella |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*

*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*

*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 24.06.09 | Is-Sindku wera lil-kunsilliera traffic management plan inti u diehel min triq san frangisk int u diehla l-Isla kif konna proponejna ghal approvazzjoni taghna sabiex tintbghat transport malta.<br><br>Proponent: Marco Agius<br><br>Sekondant: Martin Vella<br><br>Il-kunsilliera kolla qablu. |
| 24.06.10 | Il-Kunsillier Martin Vella ġibed l-attenzjoni fuq il-permessi li jinħarġu għal Triq Oratorju li tmiss ma’ Triq San Ġorġ, u spjega li meta jkun hemm permess biex tingħalaq triq l-oratorju il-Warden ma jkunx fil-pożizzjoni it-tajba u r-residenti ma jkollomx fejn idawru. Wara diskussjoni, il-kunsilliera qablu għandu jkollhom żewġ wardens biex tiġi żgurata l-maneġġabilità tat-traffiku u s-sigurtà tar-residenti. |
| 24.06.11 | Il-Kunsillier Martin Vella esprima d-diżappunt tiegħu dwar in-nuqqas ta’ komunikazzjoni relatat mal-attività ta’ Halloween. Skont hu, kien hemm ftehim li persuna tmur tagħmel il-maġija biss dakinhar stess, iżda ma ngħatat l-ebda informazzjoni dwar fejn kellha tinstalla jew tagħmel l-attività.<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri wieġeb li ma kienx disponibbli għal dak il-ħin iżda enfasiza li kulħadd kien jaf fejn suppost kellu jkun.<br><br>Minħabba din il-miskomunikazzjoni, il-persuna mqabbda biex tagħmel il-maġija spiċċat telqet minn fuq il-post. |
| 24.06.12 | Il-Kunsillier Martin Vella ddiskuta li ma jħossx li l-emails li jintbagħtu lill-kunsilliera għall-approvazzjoni għandhom iservu bħala mezz ta’ diskussjoni. Skont hu, dawn għandhom jibqgħu limitati biex jiġi indikat |

*2A, ‘The Rest’, St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*

*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*

*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | jekk hemmx qbil jew le, mingħajr ma jingħataw raġunijiet jew argumenti bil-għan li jinbidlu l-opinjonijiet tal-kunsilliera. |
| **24.07** | **Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 24.07.01 | Is-Seduta ġiet mtemmija fis-18:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat Tlieta 16 ta' Dicembru fl- 4:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ________________

____________________ ____________________

**Marco Agius** **Crystal Degabriele**

Sindku Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*

*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*

*E-mail: bormla.lc@gov.mt*